

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/942****tat-30 ta' Mejju 2016****dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) għas-sena finanzjarja 2015***(notifikata bid-dokument C(2016) 3238)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mill-Istati Membri, u li magħhom intbagħtet l-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet, opinjoni ta' verifika dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet u tar-rapporti stabbiliti mill-korpi ta' ċertifikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, is-sena finanzjarja agrikola tibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena N-1 u tispiċċa fil-15 ta' Ottubru tas-sena N. Meta jiġu approvati l-kontijiet għas-sena finanzjarja 2015, sabiex jiġi allinjat il-perjodu ta' referenza għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) ma' dak tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) għandha titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2014 u l-15 ta' Ottubru 2015, kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 <sup>(2)</sup>.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-perjodu ta' programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali 2014-2020. In-nefqa mġarrba fil-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2014 u l-31 ta' Diċembru 2015 u relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 se tkun soġġetta għal deċiżjoni ta' approvazzjoni wara t-30 ta' Ġunju 2016, kif previst fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- (4) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 33(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand kull Stat Membru jew jitħallsu lilu, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu stabbiliti billi jitnaqqsu l-pagamenti intermedji għas-sena finanzjarja kkonċernata min-nefqa rikonoxxuta għal dik is-sena skont l-Artikolu 33(1). Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament intermedju li jkun imiss jew iżżidu miegħu.
- (5) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni li ressq u l-Istati Membri u sat-30 ta' April 2016 ikkomunikat ir-riżultati tal-verifiki tagħha lill-Istati Membri flimkien mal-emendi meħtieġa.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

- (6) Għal ċerti aġenziji tal-pagamenti, il-kontijiet annwali u d-dokumenti mehmuża jippermettu li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqa.
- (7) L-informazzjoni mressqa minn ċerti aġenziji tal-pagamenti oħra teħtieġ li jsir aktar stħarriġ u għalhekk il-kontijiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni.
- (8) Skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni tista' tnaqqas jew tissospendi temporanjament il-pagamenti interim lill-Istati Membri. Din għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. Hija u tadotta din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammonti mnaqqsa jew sospiżi sabiex tevita li tagħmel xi pagament mhux xieraq jew mhux f'waqtu jew li tħallas lura ammonti li aktar tard jistgħu jkunu soġġetti għal aġġustament finanzjarju.
- (9) L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jeħtieġ li mal-kontijiet annwali li jridu jressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014, l-Istati Membri jehmżu wkoll tabella ċċertifikata li tirrifletti l-ammonti li jridu jġarrbu skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Ir-regoli dwar l-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrapportaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014. L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 908/2014 jistipula l-mudell tat-tabella li l-Istati Membri għandhom jużaw biex jipprovdur informazzjoni dwar l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-2016. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' jew tmien snin, rispettivament.
- (10) Skont l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru jekk ikollhom raġunijiet iġġustifikati kif imiss. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk it-total tal-ispejjeż li jkunu ġġarrbu diġà u ta' dawk li x'aktarx jiġġarrbu, ikun jaqbeż l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk jirriżulta li l-irkupru ma jkunx jista' jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rrikonossuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-data tat-talba ta' rkupru, jew fi żmien tmien snin qabel l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji min-nuqqas tal-irkupru għandhom jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. L-ammonti li għalihom Stat Membru partikolari ddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u fuq liema bażi ttehdet id-deċiżjoni tiegħu għandhom ikunu inklużi fir-rapport ta' sinteżi msemmi fl-Artikolu 54(4) flimkien mal-punt (c)(iv) tal-Artikolu 102(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Għaldaqstant, l-Istati Membri kkonċernati ma għandhomx jagħmlu tajjeb għal dawn l-ammonti u minflok għandhom jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni.
- (11) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni tista' tieħu sussegwentament biex teskludi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret skont ir-regoli tal-Unjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Bl-eċċezzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) dwar is-sena finanzjarja 2015 u relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, huma b'dan approvati.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn kull Stat Membru jew li jitħallsu lilu skont kull programm ta' żvilupp rurali skont din id-Deċiżjoni, huma stabbiliti fl-Anness I.

#### Artikolu 2

Għas-sena finanzjarja 2015, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri dwar in-nefqa għall-programm tal-iżvilupp rurali ffinanzjata mill-FAEŻR relatata mal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 kif stabbiliti fl-Anness II, mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu soġġetti għal deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet fil-ġejjieni.

*Artikolu 3*

L-ammonti li jridu jitħallsu mill-Istati Membri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 huma stabbiliti fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità possibbli li l-Kummissjoni tista' tiegħu fil-ġejjieni skont l-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 biex teskludi nefqa mill-finanzjament tal-Unjoni li ma tkunx saret skont ir-regoli tal-Unjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
Phil HOGAN  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX I

## NEFQA TAL-FAEŻR APPROVATA MILL-PROGRAMM TAL-IŻVILUPP RURALI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2015

**Ammont għal kull programm li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew imħallas lilo**  
**Programmi approvati bin-nefqa ddikjarata għall-FAEŻR 2014-2020**

(FEuro)

SM	CCI	Nefqa 2015	Korrezzjonijiet	Total	Ammonti li ma jistgħux jerġgħu jintużaw	Ammont aċċettat u approvat għas-sena finanzjarja 2015	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (-) jew imħallas lill-Istat Membru (+)
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii = v - vi
AT	2014AT06RDNP001	381 310 898,63	0,00	381 310 898,63	0,00	381 310 898,63	381 361 903,88	- 51 005,25 (*)
BE	2014BE06RDRP001	25 824 568,05	0,00	25 824 568,05	0,00	25 824 568,05	25 824 519,99	48,06
CZ	2014CZ06RDNP001	165 754 969,31	0,00	165 754 969,31	0,00	165 754 969,31	192 471 958,06	- 26 716 988,75
DE	2014DE06RDRP003	69 343 628,07	0,00	69 343 628,07	0,00	69 343 628,07	69 344 016,91	- 388,84
DE	2014DE06RDRP004	145 877 031,79	0,00	145 877 031,79	0,00	145 877 031,79	145 877 031,80	- 0,01
DE	2014DE06RDRP010	16 005 787,32	0,00	16 005 787,32	0,00	16 005 787,32	16 005 787,32	0,00
DE	2014DE06RDRP015	12 294 259,14	0,00	12 294 259,14	0,00	12 294 259,14	12 294 259,14	0,00
DE	2014DE06RDRP019	22 260 981,16	0,00	22 260 981,16	0,00	22 260 981,16	22 260 981,16	0,00
DE	2014DE06RDRP020	690 939,74	0,00	690 939,74	0,00	690 939,74	690 939,74	0,00
DE	2014DE06RDRP021	21 179 649,99	0,00	21 179 649,99	0,00	21 179 649,99	21 179 657,44	- 7,45
DE	2014DE06RDRP023	531 180,02	0,00	531 180,02	0,00	531 180,02	531 180,01	0,01
DK	2014DK06RDNP001	2 689 075,24	0,00	2 689 075,24	0,00	2 689 075,24	2 696 105,67	- 7 030,43
EE	2014EE06RDNP001	35 181 403,94	0,00	35 181 403,94	0,00	35 181 403,94	35 181 411,29	- 7,35
ES	2014ES06RDRP002	6 519 362,16	0,00	6 519 362,16	0,00	6 519 362,16	6 519 364,35	- 2,19
ES	2014ES06RDRP006	6 691 192,15	0,00	6 691 192,15	0,00	6 691 192,15	6 691 190,86	1,29
ES	2014ES06RDRP008	6 878 585,48	0,00	6 878 585,48	0,00	6 878 585,48	6 878 585,02	0,46
ES	2014ES06RDRP009	190 411,31	0,00	190 411,31	0,00	190 411,31	190 411,31	0,00

(FEuro)

SM	CCI	Nefqa 2015	Korrezzjonijiet	Total	Ammonti li ma jistgħux jerġgħu jintużaw	Ammont aċċettat u approvat għas-sena finanzjarja 2015	Pagamenti interim rimborżati lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li għandu jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (-) jew imħallas lill-Istat Membru (+)
		i	ii	iii = i + ii	iv	v = iii - iv	vi	vii = v - vi
FI	2014FI06RDRP001	428 149 136,49	0,00	428 149 136,49	0,00	428 149 136,49	428 151 198,81	- 2 062,32
FI	2014FI06RDRP002	2 399 619,93	0,00	2 399 619,93	0,00	2 399 619,93	2 399 488,31	131,62
HR	2014HR06RDNP001	54 740 205,68	0,00	54 740 205,68	0,00	54 740 205,68	54 723 353,56	16 852,12
IE	2014IE06RDNP001	377 083 584,62	0,00	377 083 584,62	0,00	377 083 584,62	377 083 558,84	25,78
IT	2014IT06RDRP007	8 784 801,71	0,00	8 784 801,71	0,00	8 784 801,71	8 784 801,71	0,00
IT	2014IT06RDRP011	4 562 792,61	0,00	4 562 792,61	0,00	4 562 792,61	4 562 792,73	- 0,12
IT	2014IT06RDRP014	5 306 212,36	0,00	5 306 212,36	0,00	5 306 212,36	5 306 212,34	0,02
LT	2014LT06RDNP001	39 557 009,30	0,00	39 557 009,30	0,00	39 557 009,30	39 561 467,01	- 4 457,71
LU	2014LU06RDNP001	11 671 087,56	0,00	11 671 087,56	0,00	11 671 087,56	12 223 285,00	- 552 197,44
LV	2014LV06RDNP001	55 866 391,67	0,00	55 866 391,67	0,00	55 866 391,67	55 866 391,67	0,00
NL	2014NL06RDNP001	28 548 767,47	0,00	28 548 767,47	0,00	28 548 767,47	28 565 642,25	- 16 874,78
PL	2014PL06RDNP001	82 487 087,18	0,00	82 487 087,18	0,00	82 487 087,18	174 360 864,74	- 91 873 777,56 (*)
PT	2014T06RDRP001	19 570 366,84	0,00	19 570 366,84	0,00	19 570 366,84	19 570 366,80	0,04
PT	2014PT06RDRP002	242 730 181,50	0,00	242 730 181,50	0,00	242 730 181,50	242 730 181,50	0,00
SI	2014SI06RDNP001	31 096 838,46	0,00	31 096 838,46	0,00	31 096 838,46	31 096 834,45	4,01
SK	2014SK06RDNP001	62 340 494,57	0,00	62 340 494,57	0,00	62 340 494,57	62 340 529,87	- 35,30
UK	2014UK06RDRP001	331 363 762,48	0,00	331 363 762,48	0,00	331 363 762,48	331 377 679,49	- 13 917,01
UK	2014UK06RDRP002	36 460 281,62	0,00	36 460 281,62	0,00	36 460 281,62	36 444 974,33	15 307,29
UK	2014UK06RDRP003	150 987 082,94	- 40 670,17	150 946 412,77	0,00	150 946 412,77	151 215 460,52	- 269 047,75

(\*) L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet trid tqis kull operazzjoni finanzjarja li l-Kummissjoni diġà wettqet dwar dan il-bilanċ.

## ANNEX II

## APPROVAZZJONI TAL-KONTIJET TAL-AĠENZJI TAL-PAGAMENTI

## SENA FINANZJARJA 2015 — FAEŻR

**Lista tal-Aġenzji tal-Pagamenti u tal-programmi li l-kontijiet tagħhom huma diżassoċjati u għalhekk huma soġġetti għal deċiżjoni tal-approvazzjoni aktar tard**

Stat Membru	Aġenzija tal-Pagamenti	Programm
Il-Belġju	Région Wallonne	2014BE06RDRP002
Il-Ġermanja	Mecklenburg-Vorpommern	2014DE06RDRP011
	Organismo pagador de la Comunidad Autónoma del Principado de Asturias	2014ES06RDRP003
Spanja	Consejería de Agricultura, Ganadería y Medio Ambiente del Gobierno de La Rioja	2014ES06RDRP016
	Office du Développement Agricole et Rural de Corse (ODARC)	2014FR06RDRP094
		2014FR06RDRP006
		2014FR06RDRP011
		2014FR06RDRP021
		2014FR06RDRP024
		2014FR06RDRP025
		2014FR06RDRP026
		2014FR06RDRP031
		2014FR06RDRP042
Franza	Agence de Services et de Paiement (ASP)	2014FR06RDRP043
		2014FR06RDRP052
		2014FR06RDRP053
		2014FR06RDRP054
		2014FR06RDRP072
		2014FR06RDRP073
		2014FR06RDRP082
		2014FR06RDRP083
		2014FR06RDRP091
		2014FR06RDRP093
L-Iżvezja	Statens jordbruksverk (SJV)	2014SE06RDNP001

## ANNEX III

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJET TAL-AĠENZJI TAL-PAGAMENTI  
SENA FINANZJARJA 2015 — FAEŻR**

**Korrezzjonijiet skont l-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Stat Membru	Munita	Fil-munita nazzjonali	F'Euro
AT	EUR	—	—
BE (*)	EUR	182,53	182,53
BG	BGN	—	—
CY	EUR	—	—
CZ	CZK	11 608,23	429,50
DE (*)	EUR	15 423,04	15 423,04
DK	DKK	508 055,31	68 079,41
EE	EUR	25 072,89	25 072,89
ES (*)	EUR	129 359,14	129 359,14
FI	EUR	12 095,83	12 095,83
FR (*)	EUR	—	—
GB	GBP	27 682,77	37 703,93
GR	EUR	34 527,08	34 527,08
HU	HUF	38 935 496,00	116 806,49
IE	EUR	68 731,48	68 731,48
IT	EUR	124 824,58	124 824,58
LT	LTL	—	—
LU	EUR	—	—
LV	EUR	8 157,44	8 157,44
MT	EUR	861,21	861,21
NL	EUR	—	—
PL	PLN	1 302 207,30	306 018,72
PT	EUR	65 597,17	65 597,17
RO	RON	4 631,80	1 023,63
SE (*)	SEK	—	—
SI	EUR	16 900,12	16 900,12
SK	EUR	24,88	24,88

(\*) Fir-rigward tal-aġenzji tal-pagamenti li għalhom il-kontijiet huma diżassoċjati, it-tnaqqis kif stipulat fl-Artikolu 54(2) għandu jiġi applikat ladarba l-kontijiet ikunu proposti għall-approvazzjoni.